Chris u Gemma, in-nisa u l-irġiel tagħhom, neputijiet, qraba u ħbieb tiegħu kollha. Mulej agħti lil Dun Nazzaren il-mistrieħ ta' dejjem..... Grazzi Dun Nazzaren ta' kullma għamilt magħna u jalla aħna wkoll bħalek ikollna l-bagalja lesta!

*Aktar informazzjoni dwar Dun Nazzaren u l-ħidma tiegħu fir-rigward ta' Ġuża Mifsud u l-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni, jingħata f'ħarġa oħra.*

***Sylvana SpiteriLL.D***

## L-ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' ĠUŻA MIFSUD

Fl-okkażżjoni tas-sbatax-il anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud, ser tiġi ċelebrata quddiesa fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2013 fis-6.30p.m.

## AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
Il-Ħadd 7 u 21 ta' Lulju 2013 fis-6.30p.m.
Il-Ħadd 4 u 18 ta' Awwissu 2013 fis-6.30p.m.
Il-Ħadd 1 ta' Settembru 2013 fis-6.00pm
Il-Ħadd 15 ta' Settembru 2013 fil-5.30p.m.
Il-Ħadd 6 u 20 ta' Ottubru 2013 fil-5.00p.m.
2. Website: www.ourladyofconsecration.org
3. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u YouTube: Guza Mifsud
4. Grazzji maqlugħa jidhru fil-ħarġiet li ġejjien.

### TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEHEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 95 LULJU 2013 JITQASSAM BLA ĦLAS



*Fr. Martin Mamo, Cap OPM, waqt il-laqgħa ta' Mejju 2013*

## IL-5 TA' MEJJU FIL-GIRGENTI

Waqt il-laqgħa tal-5 ta' Mejju 2013, li fakkret is-seba' u għoxrin sena minn meta Ġuża Mifsud tellgħet l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti, Fr. Martin Mamo wassal dan il-messaġġ:

"F'għeluq il-mitt sena tal-Kungress Ewkaristiku u f'din is-sena tal-Fidi, u f'din id-dinja li ma tridx taf b'Alla, aħna llejla iltqajna hawnhekk fil-kampanja, fil-Girgenti, biex infaħħru lil Alla permezz ta' Marija. Tajjeb li nambjentaw ruħna ftit f'dan l-ambjent. Marija li qegħda ħdejn l-għeżież tagħha: qegħda ħdejn San Ġużepp ir-raġel tagħha, qegħda ħdejn l-ilma. Skond San Gwann, l-ilma jfisser l-Ispirtu s-Santu. L-ilma jfisser anka Kristu. Pero Kristu huwa wkoll simbolizzat fis-salib li qiegħed ħdejha wkoll.

U għalhekk illejla, qabel ma nitkellem fuqha, nixtieq inkellem lilha

f'isimkom. Kien hemm diversi nies li qaluli biex nitlob għalihom f'din il-ġurnata, hawnhekk illejla, quddiem il-Madonna. Nitolbuha aħna: Marija aħna ltqajna hawnhekk illejla biex infaħħruk u nixtiequ ngħidulek illi aħna għandna mħabba li ma titfissirx lejk, għax kont int li l-Mulej tal-Majjesta Tiegħu għamiltu ħuwna. Permezz tiegħek sibna ħniena, u wara Kristu aħna nqegħdu l-fiduċja kollha tagħna fik għax int l-Omm, inti s-sultana u inti Marija Immakolata. Nitolbok Marija biex tkompli takkumpanjana fi triqitna, inti l-pellegrina l-aktar fidila ta' Kristu li wassaltu sas-salib. Kun għalina kewkba ta' evanġelizazzjoni. Hawnhekk quddiemek Marija hawn ħafna nies: hawn ommijiet, hawn missirijiet, hawn nanniet, hawn tfal, żgħażagħ ukoll, pero f'kull qalb ta' kulħadd hemm xi toqol, xi nkwiet, xi mard, xi problemi. U għalhekk illejla nitolbok Madonna biex iddawwal it-tama tagħna, saffi għajnejna u qlubna u mexxina lejn it-triq tas-salvazzjoni. Dak li nitolbok illejla.

U qabel ma nitkellem fuq Marija bħala l-mara kkonsagrata, jiġifieri kollha kemm hi tiegħu, il-mara perfetta għax Alla għażilha għalih, hija d-dixxiplu l-aktar perfett ta' Kristu... iddeċidejt li nsellmilha f'isimkom ...billi nissellef xi kliem minn qaddisin kbar biex f'ismhom aħna nkunu qegħdin infaħħruha.

## TIFĦIR LIL MARIJA FI KLIEM IL-QADDISIN

U l-ewwel ma nixtieq infaħħarha b'Patri Piju tal-pjagi. Kien jgħidilha hekk, "Isma mammina tiegħi, jiena nħobbok aktar mill-ħlejjaq kollha tas-sema u ta' l-art, wara Ġesu naturalment, imma nħobbok. Kemm inti sabiħa ja Omm tiegħi, jien nifraħ li għandi omm daqshekk sabiħa. Nixtieq li jkolli leħen tant qawwi li bih inkun nista' nistieden lill-bnedmin kollha biex ifaħħruk. Nixtieq intir minn hawn biex inkun nista' nsejjaħ lill-bnedmin kollha ħa jfaħħru lil Ġesu u lilek Verġni Marija."

Nixtieq infaħħrek ukoll bi kliem San Massimiljanu Kolbe, li huwa wkoll Franġiskan, li kien jgħidlek, "Ħallini nfaħħrek Verġni Marija, ħallini nfaħħrek bl-impenn u s-sagrifiċċju tiegħi, ħallini ngħix, naħdem, inbati, ninħela, immut għalik u għalik biss. Ħallini nwassal għal għandek lid-dinja kollha, ħallini nagħtik glorja kbira li s'issa għadu ħadd ma' tak. Ħalli lill-oħrajn jgħadduni fil-ħeġġa li nsebbħek u ħalli lili ngħaddihom biex b'hekk b'pika qaddisa tikber dejjem aktar malajr il-glorja tiegħek, kif jixtieq dak li għollik b'mod hekk sħiħ aktar mill-ħlejjaq kollha tiegħu. Fik biss Alla kien meqjum, mingħajr ebda paraguni, aktar mill-qaddisin kollha tiegħu f'daqqa. Għalik Alla ħalaq id-dinja, għalik Alla ħalaq lili ukoll. X'għamilt jien biex nirbaħ xorti bħal din? U għalhekk ħallini nfaħħrek Verġni Marija".



Infaħħrek ma' San Franġisk missieri. San Franġisk kien jgħidlek, "Sliem għalik Sinjura, Qaddisa, Sultana, Omm Imqaddsa t'Alla, xebba li sirt Knisja, magħżula mill-Missier l-aktar qaddis tas-sema, u minnu kkonsagrata flimkien ma' Ibnu u ma' l-Ispirtu s-Santu difensur. Sliem għalik palazz tiegħu, sliem għalik tabernaklu tiegħu, sliem għalik Omm tiegħu, sliem għalik Qaddejja Tiegħu, sliem għalikom ilkoll virtujiet li tinsabu fil-Madonna, li bis-saħħa u d-don ta' l-Ispirtu s-Santu tiġu msawba fil-qlub tal-midinbin biex minn nies li ma nemmnux tagħmluna nies li nemmnu f'Alla".

Insellimlek ma' San Efrem, "Sliem għalik għarusa ta' Kristu, l-aktar persuna li ħabbejt lil Kristu. Sliem għalik qaddejja tad-divinita tiegħu, sliem għalik Omm tal-umanita' Tiegħu."

Nixtieq insellimlek ukoll ma' San Ċirillu ta' Lixandra, "Int it-teżor ta' Alla, int il-fanal li qatt ma' jintefa, inti l-mara l-aktar safja, inti x-xettru ta' l-akbar tagħlim, inti t-tempju li qatt ma ġġarraf, int l-għamara ta' dak li ħadd ma jesgħu, inti l-Omm ta' dak li ġie f'isem il-Mulej."

Insellimlek ukoll ma' San Alwiġi ta' Montfort, "Inti l-ferħ ta' l-anġli, inti n-nida tas-sema, inti l-warda l-ħamra, inti l-għadu tax-xitan, inti l-martell li jisħqu, bl-iva tiegħek ksibna s-salvazzjoni." U nsellimlek fl-aħħar ma' Santa Ġeltrude, "Jiena nsellimlek O ġilju bajdani tat-Trinita Mqaddsa, dejjem glorjuża u paċifika...

## MARIJA HIJA L-MARA PERFETTA

U hekk wara li faħħarniha, nixtieq ngħidilkom illi Marija hija qaddisa, kollha kemm hi qaddisa, fl-għola grad tal-qdusija, assolutament qaddisa. Hekk marru jitkellmu fuqha l-ewwel tejologi marjani fit-tieni seklu, San Ġustinu u Sant'Irinew, kienu jgħidulha, "kollha perfetta." ... Alla għażlek biex issir id-dixxiplu perfett Tiegħu... San Ċirillu ta' Lixandra kien jgħidilha hekk, "Kien jixraq li Alla jħejji mara perfetta biex tilqa' lilu, u kif laqgħetu saret perfetta spiritwalment." Għalhekk hija kkonsagrata lil Alla, tal-konsagrazzjoni, hija l-mara l-perfetta, kollha kemm hi ta' Alla.

Il-Kardinal Newman jgħidilha, "int ir-rimja l-aktar sabiħa tax-xitwa, inti l-bieb tas-salvazzjoni, int l-għamara ta' Alla." Sa mill-eternita Marija kienet ippredestinata biex tkun qaddisa, biex tkun immakulata, biex tkun ikkonsagrata, biex tkun omm Alla. Kif il-Missier Alla iddeċieda li jibgħat lil Ibnu fid-dinja, dak il-ħin stess iddeċieda li joħloq lil din il-mara perfetta, li joħloq lil din il-mara kkonsagrata lilu, b'digriet wieħed.

Minn jaf kemm-il darba qrajna l-ġrajja ta' meta l-Madonna marret iżżur lil Santa Elizabetta. Nafuha l-ġrajja pero ftit ninnutaw it-tliet kelmiet li qaltilha Elizabetta. Nibdew bil-kliem li bihom Elizabetta tkun qegħda tikkonferma li Marija hija l-mara kkonsagrata lil Alla meta tgħidilha,

"imbierka int li emmint". ...Marija hija l-imbierka, għax imbierek il-frott tal-ġuf tagħha Ġesu. Għalhekk hija l-imbierka. Ġesu huwa don ta' Alla li lil dik il-mara Samaritana qalilha, "li kieku kont taf id-don ta' Alla, min hu dak li qed jgħidlek, 'agħtini nixrob', kieku int kont titolbu u jagħtik ilma ħaj." Marija hija l-bir, il-bir li laqgħet fiha dan l-ilma ħaj u qed tagħtihulna. Meta intom ġejtu timlew l-ilma hemmhekk, Marija qed toffrilkom dak l-ilma ħaj li hu binha u hu l-ispirtu t'Alla, l-Ispirtu s-Santu.

Eliżabetta tgħidilha wkoll, "kif ikun dan li Omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi?" Hawnhekk Eliżabetta qegħda tanticipa il-Koncilju ta' Efesu li kien seħħ fis-sena 431 li kien ipproklama... li Marija hija Mater Dei, Omm Alla.

Eliżabetta lil Marija tkompli tgħidilha, "ħienja int li emmint dak li ntqal lilek min-naħa tal-Mulej." Marija hija ħienja... Marija tatna l-evanġelju, tatna l-evanġelju ħaj, Ġesu tarbija. Għalhekk hija l-mara l-aktar perfetta, id-dixxiplu perfett ta' Kristu.

## MARIJA HIJA L-PROFETA TA' ALLA

Imma apparti minn dan Marija hija l-profeta ta' Alla. Profeta huwa dak li jitkellem f'isem Alla u test bibbliku li jurina li Marija hija l-profeta ta' Alla għax qegħda titkellem f'isem Alla huwa it-tieġ ta' Kana fejn Marija qalet lill-qaddejja, "Agħmlu dak li jgħidilkom hu." Forsi ftit nagħtu kaz li din il-frażi qalha l-Missier Etern, meta Ġesu tbiddel fuq il-muntanja Tabor u nstema leħen mis-sema jgħid, "Isimgħu lilu." Allura Marija f'kelma waħda hija l-eku ta' Alla. Din hi Marija. U Ġesu jobdi. U qallhom lil-wejters, "Imlew il-ġarar bl-ilma." ... L-ilma għidtilkom li jfisser Kristu, Kristu huwa l-ħajja...

Marija, nitolbok tittawwal fil-ġarar tagħna, kollha għandna l-ġarar tagħna, ta' wħud minna huma vojta, spiċċalna l-inbid. Kemm hemm koppji hemm barra li spiċċalhom l-inbid, spiċċalhom il-ferħ minħabba l-mard, minħabba l-ġlied, minħabba l-inġustizzji li seħħu. Nitolbok tgħidlu lil Kristu, "spiċċalhom l-inbid dawn in-nies," biex bis-saħħa tiegħek Kristu jwettaq il-miraklu anka magħna.

U għalhekk dan hu post qaddis hawnhekk, għax minn hawnhekk inqalgħu ħafna grazzji mingħand Marija. Marija int mimlija nbid, jiġifieri mimlija ferħ ... u Marija ntliet bil-ferħ f'mument partikolari, meta l-Anġlu Gabrijel qalilha, "l-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek u dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jissejjaħ bin Alla." ... Ma jfissirx li għax Marija kienet mimlija ferħ ma' kelliex dwejjaq... Batiet Marija, meta Xmun qalilha, "dan se jkun sejf li a jinfidlek ruħek", batiet Marija meta kellha tmur l-Eġittu minħabba binha, batiet meta ntilfilha fit-tempju, batiet meta ratu tiela l-Kalvarju, meta ratu msallab, meta tawhulha mejjet fi ħdanha, meta ratu jiġi midfun...



U hawnhekk Marija toqgħod taħseb ukoll fil-mumenti ta' ferħ u dwejjaq li għaddiet minnhom. ...U hekk ukoll illum qegħda tiġbor dak li għandna f'qalbna, tagħmilhom tagħha u toqgħod taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha, u ħa tagħmel xi ħaġa għalina Marija...

## IXĦTU ĦARSITKOM LEJN IS-SALIB

Nitlobkom issa tneħħu ħarsitkom minn Marija u tixħtuha lejh is-salib. Mhux b'kapriċċ qiegħed hemm dak. Is-salib huwa għotja tal-Missier, huwa offerta tal-Iben, huwa l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu u ħdejn dak is-salib hemm Kristu, qiegħed b'idejh miftuħa. X'inhu jgħid hemmhekk Kristu? Hemmhekk qiegħed ifakkarna Kristu li fis-salib it-Tliet Persuni tat-Trinita igglorifikaw lil xulxin, huwa mument importanti. Ġesu qiegħed jgħidlu, "Missier agħti glorja lil Ibnek biex Ibnek jagħti glorja lilek..."

U Marija dak il-ħin li kien imsallab binha ukoll ġiet igglorifikata, ġiet ikkonsagrata taħt is-salib. Marija xhud tal-glorja tiegħu. Hemmhekk Marija, taħt is-salib u hawnhekk ukoll, bdiet tagħti qima lill-Missier, kompliet tati fiducja f'binha alavolja dher fallut fuq is-salib u Marija taħt is-salib ġiet imġedda bl-Ispirtu s-Santu. Hekk ħarset Marija lejn is-salib...

Pero Marija, nixtieq inħares lejha mill-attitudini perfetta tal-mod kif laħqet il-milja tas-salib glorjuż. Taħt is-salib semgħet is-seba' kelmiet. L-ewwel ma semgħet lil Kristu jgħid, "aħfrilhom" u hawnhekk Marija f'dan il-post qegħda tgħidilna, "ippruvaw aħfru lil min għamlilkom il-ħsara, id-deni." Marija qegħda taħfer lil min jidgħi biha, lil min ma jgħix kif irid Kristu. Marija semgħetu jgħid, "għandi l-għatx," semgħetu jgħid, "għalfejn ħallejtni waħdi?" U hija taħt is-salib żgur li qaltlu, "hawn jien qed nagħmillek is-sapport." U llum Marija qed tgħidlek, "jiena wkoll qed nagħmillek sapport fil-ħajja tiegħek, kemm hu mportanti li titlobni bir-ružarju. Jekk għandek l-għatx ejja għandi u nagħtik tixrob l-ilma tal-ħajja.

Semgħetu jgħid Marija, "illejla stess tkun il-Ġenna miegħi." Marija qegħda tgħidilna, "anka jien qed nieħu ħsieb l-għeżież tagħkom mejtin ħa jkunu l-Ġenna miegħi." U semgħetu jgħid, "hawn hi ommok u hawn hu ibnek." Marija hija r-rigal tal-Kurċifiss għalik u int ir-rigal tal-Kurċifiss għal Marija. Kemm hi sabiħa din l-istqarrija, Marija r-rigal tagħna minn Alla u aħna r-rigal ta' Alla lil Marija...

Hemm talba qawwija ħafna, jiena nħobb ngħidha ... "taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu imqaddsa Omm Alla, la twarrabx minn quddiemek it-talba li nagħmlulek fi ħtiġijiet tagħna iżda eħlisna dejjem minn kull periklu xbejba glorjuża u mbierka." Għiduha din it-talba, għiduha, itgħallmuha, għiduha għall-familji tagħkom ħa żżommna, tipproteġina taħt il-mant tagħha.

## DAN HU L-AKTAR POST QADDIS FUQ L-ART

Fl-aħħarnett qabel nispiċċa ngħidilkom li aħna l-Kapuċċini nieħdu ħsieb il-knisja ta' Loretu, l-Italja u fuq bieb din il-Knisja ta' Loretu għandna kitba li tgħid hekk, "Tregħdu intom ilkoll li tidħlu hawn għax dan hu l-aktar post qaddis fuq l-art." U nixtieq li napplika dan il-kliem għal hawn. Jiena naf kemm jiġu nies hawn jitolbu quddiem din ix-xbieha, "Tregħdu intom ilkoll li tidħlu hawn għax dan hu l-aktar post qaddis fuq l-art." U Marija meta niġi hawn inħossha tikkwota lil San Pawl lil Korintin, meta jgħid, "Imitaw lili kif jien imitajt lil Kristu". San Pawl lil Korintin kapitlu 3 jgħidilna, "intom tempju t'Alla u l-Ispirtu t'Alla jgħammar fikom, qaddis it-tempju t'Alla li huwa intom." Jekk aħna qaddisin għax aħna t-tempju t'Alla, kemma aktar hi Marija it-tempju t'Alla li qatt ma ġġarraf, hija l-post li Alla ħejja għalih biex jgħammar fih, it-tempju kkonsagrat ta' Alla, hija l-qaddisa... Marija hija l-kelma li Alla skolpixxa, jgħidlek il-Kappuċċin Raniero Cantalamessa.

## GĦELUQ

Fl-aħħarnett Marija nixtieq li id-dell tiegħek bħalissa jfejjaqna hekk kif id-dell ta' San Pietru, kif hemm miktub fl-atti ta' l-Appostli, kien ifejjaq lin-nies. Id-dell tiegħek aqwa minn ta' San Pietru, għalhekk nixtieq li d-dell tiegħek ifejjaqna, is-sbuħija tiegħek issaħħarna. Illum ma tarax djar imwaqqa bil-gwerra, illum tara familji imkissra fiż-żwieġ u għalhekk nitolbuha lill-Madonna bħalissa għal tant koppji mfarrka, ma jridux iċedu lil xulxin, tant koppji mkissra fiż-żwieġ, koppji mfarkka bil-mard, uġigħ ta' qalb. Marija saħħaħna, fejjaqna, dewwina, u t-talb tal-Madonna żgur li qatt ma' jaqta'. Għadda dan iż-żmien kollu u bqajna nħobbuha. Inqawwu qalbna, u warajha nibqgħu nimxu biex wara din il-ħajja immorru ngawduha... Viva l-Madonna tal-Konsagrazzjoni."

*Min irid isegwi l-laqgħa u d-diskors tal-Father fl-intier tiegħu jista' jidħol fuq Youtube: https://www.youtube.com/watch?feature=player_embedded&v=XcD82N4A4gE*

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.



## DUN NAZZAREN TONNA – IL-BAGALJA LESTA

Fit-23 ta' Marzu 2013 waslitli l-aħbar li Dun Nazzaren kien mar jiltaqa' mal-Mulej, mal-Madonna u tant qraba u ħbieb li kellu fis-sema jistennewh. Ħassejt dieqa dak il-ħin għax il-firda iebsa, u Dun Nazzaren dejjem kien għalija, u bla dubju għal ħafna oħrajn, kolonna ta' kuraġġ. Iżda hu kien ippreparat għal dan il-mument hekk importanti għaliex anka l-aħħar darba li kont rajtu fid-dar ta' ħuħ Albino, kien qalli li l-bagalja lesta, meta jrid il-Ħallieq jista' jibgħat għalih. X'fidi kbira kellu fil-Mulej li tant ħabb matul ħajtu! Ta ħajtu għaliH billi qdieH fis-saċerdozju u anka fil-qadi tiegħu lejn il-proxxmu.

Il-funeral tiegħu sar it-Tnejn 25 ta' Marzu fil-Knisja taż-Żurrieq, knisja ppakkjata, turija tar-rispett li kien igawdi. Il-quddiesa kienet immexxija mill-Isqof Awżiljarju Mons. Charles Scicluna. Assistewh l-Arċipriet tal-Paroċċa, Dun Charles Attard u ħafna Monsinjuri u saċerdoti oħra.

Waqt l-omelija li saret mill-Arċipriet Attard, huwa stqarr li Dun Nazzaren kien bla dubju mudell għas-saċerdoti kollha. Qal li Dun Nazzaren qatt ma qadt b'idejh fuq żaqqu imma ħadem bis-sħiħ biex ikun ta' għajnuna għall-oħrajn, kemm b'mod personali kif ukoll fl-għaqdiet li kien imexxi. Sakemm saħħtu baqgħet tippermetti dejjem baqa' jattendi l-laqgħat f'diversi għaqdiet. Dan nista' nixhdu jiena u ħafna devoti tal-Madonna fir-rigward ta' kemm il darba attenda għal-laqgħat fil-Girgenti. Kien ifalli biss jekk kien ikun imsiefer jew ikollu xi attivita li ma' setax jinjora, ħaġa rari għaliex dejjem kien jipprova jżomm l-appuntament tiegħu kull l-ewwel u t-tielet Ħadd tax-xahar. Meta ma felaħx jitla' aktar kull ħmistax, qatt ma' naqas li fejn possibbli kien jitla' flimkien mal-familja jżur il-Madonna fil-Girgenti.

Issemma wkoll kif Dun Nazzaren kien jemmen ħafna fit-talb, kif kien intimament maqgħud mal-Mulej u kemm il-kelma 'kuraġġ' kienet magħġuna fih sabiex isaħħaħ lill-oħrajn fil-ħidma tagħhom jew biex jgħelbu d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom.

Nirringrazzja lill-familja ta' Dun Nazzaren li tawni l-opportunita li naqra talba tal-fidili, b'rikonoxximent ta' l-imħabba li kemm Dun Nazzaren kif ukoll huma għandhom lejn il-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Din it-talba kienet tgħid hekk: "Mulej Ġesu', int li tajtna lil Ommok Marija biex tkun il-mudell ta' kull nisrani, u li Dun Żaren kien tant iħobb, imla l-qalbna b'umilta' u mħabba biex bħalha nkunu Miegħek u nimxu warajk f'kull waqt ta' ħajjietna".

It-tebut ġie mbierek mill-Arċisqof Pawlu Cremona.

F'isem il-Kumitat, l-membri tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni u d-devoti tal-Madonna inwassal il-kondoljanzi lill-ħutu Pawlu, Albino,